# 150 sena ilu!





Kien il-11 ta' Frar 1858, eżattament 150 sena ilu meta l-Madonna dehret liċ-ċkejkna Bernardetta ġewwa Lourdes fi Franza. Għal tmintax-il darba riġlejn il-Madonna rifsu din l-art imbierka u tkun l-istess mara sabiħa li tgħid: "***Jiena jien l-Immakulata Kunċizzjoni***".

**Sitt miljuni.** Kull sena jżuru Lourdes mas-sitt miljun ruħ. X'iwassal biex tant nies jagħmlu dan il-pellegrinaġġ? Żgur li dawn in-nies jiġu f'riġlejn il-Madonna għax Lourdes huwa post b'differenza. Hawn l-insara iħossuhom liberi li jesprimu l-fidi tagħhom. Hawn il-morda u l-persuni b'diżabilita' għandhom prijorita'. Hawn issib post ta' talb u fraternita'. Hawn it-tfal u ż-żgħażagħ jaraw dak li qatt ma raw bħalu qabel. Hawn ġewwa Lourdes, il-belt tal-Madonna, il-qalb tinfetaħ għal Alla.

L-istorja ta' Lourdes li bdiet 150 sena ilu hi storja ħajja llum. Wara 150 sena n-nies tibqa' żżur dan il-post marbut mal-Verġni Imbierka. Marija ġabitilna mis-sema t-talba tar-Rużarju. L-għajn ta' l-ilma min-nixxiegħa ta' Lourdes hu sinjal tal-Magħmudija tagħna. Fil-mixja tar-Randan, nitħejjew għat-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija, biex niskopru mill-ġdid is-sbuħija ta' dan is-sagrament.

*Mons Karm Refalo, Arċipriet Xagħra*

## Jistgħu jinteressawk:

**LAQGĦA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN F'MALTA:**
It-Tlieta 12 ta' Frar (Kappella ta' l-Università 7.15pm)

**WEEKEND IRTIR GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** mill-Ġimgħa 15 sal-Ħadd 17 ta' Frar (Dar Manresa)

**QUDDIESA GĦALL-ANZJANI U GĦAL DAWK LI JAĦDMU MA' L-ANZJANI U MORDA:**
Ħadd 17 ta' Frar Santwarju Madonna ta' Pinu 10.00am
Mistiedna speċjali l-operaturi sanitarji, il-Ministri Straordinarji ta' l-Ewkaristija, il-Kumitati Parrokkjali Promozzjoni Umana, l-Organizzazzjonijiet non-Governattivi li jaħdmu mal-morda u l-anzjani f'Għawdex.

## It-Talba tal-ġimgħa



***"Hawn xi ħadd fostkom li hu marid?"***
**Mulej nitolbok għall-morda fir-ruħ u fil-ġisem …**
**għall-morda fid-djar u fl-isptar …**



Djoċesi ta' Għawdex

# Bulletin tal-Ħadd

L-Ewwel Ħadd tar-Randan - Sena Ċ    Id-39 Sena (2029)    10 ta' Frar 2008

# Fid-Deżert

**Mill-Evanġelju ta' San Mattew. Mt. 4, 1-11.**

L-Ispirtu ħa 'l Ġesu fid-deżert biex ix-xitan iġarrbu. U Ġesu baqa' sajjem għal erbgħin jum u erbgħin lejl u fl-aħħar ħadu l-ġuħ. U resaq it-tentatur u qallu: "Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż." Iżda Ġesu' wieġbu: "Hemm miktub, 'il-bniedem mhux bill-ħobżbiss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla." (u ix-xitan komplu bit-tentazzjonijiet tiegħu). Imbagħad ix-xitan ħallieh. U ara, ġew xi anġli jaqduħ.

**RIFLESSJONI:**

- Ġesu' ġie ittentat bi tliet tentazzjonijiet li jolqtu lil kull bniedem.
- Li jkollna pussess fuq il-ġid materjali biex niddominawh u mbagħad jiddominana hu
- Li jkollna pussess fuq il-persuni, biex ikollna ħajja komda madwarna.
- Li jkollna pussess fuq Alla biex ma' jkollna bżonn ħadd,
- It-tentazjonijiet iservu biex tara l-veru, tagħraf aħjar lil Alla.
- It-tentazzjonijiet huma marbutin mal-ħajja tagħna kif kienu mal-ħajja ta' Ġesu. Jekk ma' jkollnix tentazzjonijiet min barra jibdew it-tentazzjonijiet minna nfusna.
- Jeħtieġ li nkunu mimljin bi Kristu biex bil-qawwa tiegħu aħna wkoll ngħidu lix-xitan: "Itlaq minn quddiemi ja xitan…" Kull ħaġa li ma' twassalx għall-qdusija, ġejja mix-xitan.



**TALBA:**

Mulej, Gesu', tħallix li jien nintrebaħ minn dak li tħajjarni d-dinja, u mbagħad insib ruħi fid-dwejjaq u d-dlam tal-ħajja, imma għinni nirbaħ kull tfixkil ħalli ma' nitlifx lilek li Int il-veru ġid li nista nakkwista.